# QORTI KOSTITUZZJONALI

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 79**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 287/2020/1 ISB**

**Mark Calleja**

***v.***

**Ministru għall-Edukazzjoni u Impiegi;**
***Chief Scholarships Officer (Scholarships Unit)* fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Impiegi**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza tal-25 ta' Marzu 2024 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li sabet illi bit-tħaddim tal-*veterinary studies scholarships scheme* tal-2020 l-attur ma ġarrab ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu mħarsin taħt l-art. 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"], l-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni Ewropea"] u l-art. 1 tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ["it-Tnax-il Protokoll"].

2. L-appell tal-attur jolqot in-nuqqas ta' sejbien ta' ksur taħt l-art. 1 tat-Tnax-il Protokoll u l-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

3. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Minn qari tar-rikors promotur jirriżulta illi r-rikorrenti qed jilmenta minn leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif enunċjati fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u / jew l-artikolu 14 u / jew l-artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali kif applikati fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan peress illi t-tħaddim tal-*veterinary studies scholarships scheme* tal-2020 u senjatament l-artikolu 11 tal-istess, kien leżiv u inkonsistenti mad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti mill-imsemmija artikoli u dana billi fl-applikazzjoni tagħhom eskludew il-possibilità tar-rikorrenti li jibbenifika minn borża ta' studju għall-istudji tiegħu u dana *stante* li hu beda l-istudji tiegħu fl-2014 mentri kien eliġibbli għaliha min beda l-istudju tiegħu mill-2016 'l quddiem.«

4. L-attur talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara … illi t-tħaddim tal-v*eterinary studies scholarships scheme* tal-2020 fil-konfront tar-rikorrenti taw lok u ikkostitwixxa ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament dawk kif sanċiti fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u / jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u / jew l-ewwel artikolu tat-Tnax-il Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;
>
> »2. tiddikjara … illi l-*Veterinary Studies Scholarships Scheme Regulations 2020*, senjatament artikolu 11 tal-istess, kien leżiv u inkonsistenti mad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u / jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u / jew l-ewwel artikolu tat-Tnax-il Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;
>
> »3. tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti billi takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi;
>
> »4. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal din il-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u konsegwentement għall-ħlas ta' kumpens lir-rikorrenti;
>
> »5. tillikwida l-istess kumpens, *ai termini* tal-liġi u tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »6. tikkundanna lil intimati jew min minnhom iħallsu l-istess kumpens hekk likwidat mir-rikorrenti;

»… … …

»Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest ġudizzjarju bin-numru 208/2020 … … …«

5. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

»… … …

»2. L-esponenti jirrilevaw preliminarjament illi t-talba tar-rikorrenti timpernja fuq ilment ta' ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-esponenti jeċċepixxu illi *ai termini* tal-istess artikolu illi "*The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination*". Għaldaqstant l-azzjoni odjerna kif imressqa mir-rikorrent ma tistax tirnexxi *stante* illi ilment għal trattament diskriminatorju jrid jkun allaċċat ma ilment ta' ksur ta' dritt fundamentali ieħor stipulati fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew fil-Konvenzjoni Ewropea. Konsegwentament it-talba tar-rikorrent safejn tolqot it-talba għal ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea hija improponibbli u għandha tiġi dikjarata bħala tali.

»3. Safejn l-ewwel talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, jingħad li r-rikorrent ma indikax fuq liema kawżali jew *status* huwa allegatament ġie diskriminat. Skont dan l-artikolu 14, it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni għandha tiġi żgurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor. Minn din il-perspettiva, ma ġiex muri li l-allegat trattament diskriminatorju kien imsejjes fuq xi kawżali ta' *status*, inkwantu karatteristika personali tiegħu. Għalhekk ġaladarba t-trattament divers imqanqal mir-rikorrent mhuwa xprunat fuq l-ebda wieħed mill-kawżali li jinsab protett mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, isegwi li, minn dan l-aspett, l-istħarriġ konvenzjonali ma jistax jiġi milqugħ.

»4. Miżjud ma' dan – u dan jgħodd kemm għad-dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni kif ukoll għal dik tal-Konvenzjoni Ewropea – huwa manifest li l-klawżola tal-iskema li qiegħda tiġi attakata mir-rikorrenti tapplika indiskriminatament għal kull persuna illi m'għandhiex *commencement date* qabel is-sena 2016. Għalhekk ir-rikorrent ma jistax jargumenta li ġie żvantaġġat meta mqabbel ma' ħaddieħor għaliex dak il-ħaddieħor qiegħed jiġi trattat eżattament bħalu. L-eserċizzju li jsir fil-kuntest ta' diskriminazzjoni huwa eserċizzju ta' *like with like*. Li kieku r-rikorrent ma ngħatax il-borża ta' studju u studenti oħrajn illi bdew il-kors qabel is-sena 2016 ingħataw tali borża, hemmhekk l-ilment tiegħu kien ikun korrett, imma dan m'huwiex ċertament il-każ fl-ilment odjern.

»5. L-esponenti jeċċepixxu l-inapplikabbilità tal-ewwel artikolu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem *stante* illi huwa jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-qrati Maltin.

»6. L-esponenti jeċċepixxu l-inapplikabbilità tal-artikolu 41 tat-Trattat tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem *stante* illi huwa

jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropea u mhux għall-qrati Maltin.

»7. Safejn it-tieni talba hija msejsa fuq l-ewwel artikolu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u qed jiġi allegat illi l-klawżola numru 11 tal-iskema *veterinary studies scholarship scheme* jilledi tali artikolu, l-esponenti jirrilevaw illi, fl-ewwel lok, l-ewwel artikolu tat-Tnax-il Protokoll jistipula illi jrid jeżisti dwar dritt sanċit bil-liġi. Fil-każ odjern ma hemm ebda dritt sanċit bil-liġi illi persuna tkun eliġibbli jew saħansitra tingħata l-borża ta' studju imma biss skema li l-gvern nieda fl-eżekuzzjoni tal-mandat eżekuttiv u amministrattiv tiegħu. Fit-tieni lok, l-istess tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni għandha tiġi żgurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor. Minn din il-perspettiva, ma ġiex muri li l-allegat trattament diskriminatorju kien imsejjes fuq xi kawżali ta' *status*, inkwantu karatteristika personali tiegħu. Għalhekk ġaladarba t-trattament divers imqanqal mir-rikorrent mhuwa xprunat fuq l-ebda wieħed mill-kawżali li jinsab protett mill-ewwel artikolu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni, isegwi li, minn dan l-aspett, l-istħarriġ konvenzjonali ma jistax jiġi milqugħ.

»8. L-esponenti jirrilevaw illi r-rikorrent donnu qiegħed jissottometti illi huwa għandu dritt sanċit sabiex jottjeni tali borża ta' studju imma ma jagħmel aċċenn għal ebda liġi li tagħtih dan id-dritt. Ir-rekwiżiti mfissra fil-*guidelines* huma rekwiżiti stabbiliti mill-Gvern wara li l-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjieg għamel eżerċizzju sabiex jara illi l-fondi li hemm preżenti għal dawn it-tip ta' *scholarships* jolqtu l-massimu ta' nies possibbli u jiġu aċċettati l-massimu ta' applikazzjonijiet possibbli. Però m'hemm ebda artikolu fil-liġi illi jistipula illi d-dipartiment govern-attiv m'għandhux jagħmel *cut-off date*. Il-*cut-off date* imniżżla fil-*guidelines* saret biex kull min fis-sena akkademika li ġejja jkun qiegħed isegwi kors ikun jista' jibbenefika. Huwa inevitabbli illi l-Gvern jagħmel *cut-off date* minħabba s-sempliċi fatt illi m'huwiex possibili illi tingħata għajnuna lill kulħadd. Tenut kont dan, ma hemm ebda raġuni oskura fir-rigward tal-parametri maħruġa mill-esponenti u li għalhekk ma seħħ ebda diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu [*recte*, tal-attur].

»9. L-esponenti jagħalqu billi jtennu li ladarba r-rikorrent ma seħħlux juri li ġarrab ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali, kif mitluba fl-ewwel u t-tieni talbiet tiegħu, allura lanqas ma jistgħu jiġu milqugħa t-tielet, r-raba' il-ħamest u s-sitt talba tiegħu biex jingħata rimedji oħra u kumpens fi flus.«

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda tiddisponi mill-eċċezzjonijiet mressqa kif fuq premess filwaqt illi tgħaddi biex tiċħad it-talbiet kollha rikorrenti.

»L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jkunu a karigu tar-rikorrent.«

7. Safejn relevanti għall-appell tallum l-ewwel qorti fissret hekk ir-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha:

> »… … .
>
> »Mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti fatti:
>
> »Jirriżulta li fl-artikolu 11 tal-*Veterinary Studies Scholarships Scheme Regulations 2020* (minn hawn ’il quddiem imsejħa “r-Regolamenti”) jingħad li:
>
> > »“For the purposes of this scheme no other commencement date prior to 2016 will be accepted.”
>
> »Jirriżulta li fil-korrispondenza datata 25 ta’ Awwissu 2020 ir-rikorrenti ġie informat li l-applikazzjoni tiegħu kienet ikkunsidrata bħala “ineleġibbli” għal borża ta’ studju u dan *ai termini* tal-klawsola 11.1 tar-regolamenti mill-*Veterinary Studies Selection Board* (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “il-Bord”).
>
> »Jirriżulta illi bid-deċiżjoni tal-i*Scholarships Appeals Board* (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “il-Bord tal-Appell”) datata 7 ta’ Ottubru 2020 id-deċiżjoni tal-Bord ġiet ikkonfermata bħala korretta.
>
> »… … …
>
> »Fl-*affidavit* tiegħu, il-Professur Anthony Serracino Inglott jgħid li huwa jokkupa il-kariga ta’ *chairperson* tal-*Veterinary Studies Board* fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni. Jispjega li l-applikazzjoni tar-rikorrenti għal borża ta’ studju ġiet irrifjutata unikament minħabba li hu ma kienx eleġibbli taħt l-artikolu 11.1 tar-Regolamenti minħabba li hu kien beda l-istudju tiegħu fl-2014.
>
> »In kontroeżami jispjega li l-irwol tal-bord kien li tiġi determinata l-eleġibbilità tal-kandidati u sabiex jagħmel l-*interviews* u jpoġġi lill-applikanti fl-iskala skont l-*interview*, skont ir-regoli mgħoddija lill-bord.
>
> »Jgħid li l-*cut-off date*, u ċjoè l-2016, kienet parti mill-istruzzjonijiet u riedet tinqata’ linja skont dak il-perjodu. Jispjega li l-bord m’għandux id-diskrezzjoni jvarja l-proċedura. Jispjega li, fil-każ ta’ dawk li jiġu meqjusa eleġibbli, xogħol il-bord huwa mbagħad li jagħmel lista ta’ *order of merit* skont l-evalwazzjoni li tkun saret. Jgħid li ma ġiex indikat lilu xi limitazzjoni ta’ numru dwar kemm għandhom ikunu eleġibbli għal borża ta’ studju. Jgħid li kull minn kien eleġibbli sarlu l-*interview*. Jgħid li hu ma kienx involut fit-tfassil tar-regolamenti.
>
> »… … …
>
> »Fix-xhieda tagħha Sue Falzon, *Chief Scholarship Officer*, tgħid li ilha tokkupa l-istess kariga għall-aħħar seba’ snin. Ix-xhud ippreżentat lista ta’ min huma l-applikanti li applikaw taħt il-*veterinary scholarship* scheme inkluż dawk li ġew rifjutati, li l-qorti ħadet konjizzjoni tagħha. Tispjega li l-iskema għandha klawsola li tiġi mexxija mir-Regolamenti li tgħid li huma eleġibbli dawk li għamlu l-kors mill-2016 ’il quddiem u b’hekk l-applikanti kollha kienu eleġibbli ħlief persuna waħda li l-kors tagħha kien jibda’ qabel u għalhekk ma kienx eleġibbli. Tikkonferma li kull min kien eleġibbli ngħatawlu l-fondi *stante* li kien hemm biżżejjed

fondi. Tispjega li kien hemm proċess ta' *interviews* li kull min għadda minnu ngħata l-fondi.

»Tikkonferma li l-iskema ġiet varata fl-2020. Tispjega li l-iskema ġiet maħluqa minħabba li hawn Malta m'hawn ebda kors fejn wieħed jista' jsir veterinarju u għalhekk l-istudenti jridu jmorru barra minn Malta fejn il-korsijiet jiswew ħafna flus u b'hekk tnediet l-iskema biex jiġu mgħejjuna l-istess studenti.

»Mistoqsija dwar il-fatt li l-iskema applikat b'mod retrospettiv tgħid li l-*cut-off date* ġiet stabbilita meta ġew ikkunsidrati l-fondi disponibbli. Tikkonferma li l-iskema hija waħda lokali u mhux iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea. Tispjega li meta tinfetaħ skema ma jistax jittieħed kont tal-individwi jew każi individwali iżda tagħmel l-aħjar użu mill-fondi disponibbli li f'dan il-każ ippermettew li jmorru lura sal-2016.

»Mistoqsija jekk meta tittieħed deċiżjoni dwar *cut-off date* ikunx magħruf kemm ser japplikaw persuni tgħid li jkun hemm indikazzjoni ċara. Tispjega li hi ma tkunx taf b'każijiet individwali iżda tkun taf bejn wieħed u ieħor kemm hemm studenti mill-informazzjoni dwar kemm hemm studenti li qegħdin jistudjaw barra minn Malta u jirċievu stipendju minn Malta.

»… … …

»Fl-*affidavit* tiegħu, ir-rikorrent Mark Calleja jgħid li din il-kawża saret wara li nħarġet għall-ewwel darba mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u Impjiegi borża ta' studja bit-titolu *veterinary studies scholarships scheme* li għalqet fl-24 ta' Lulju 2020 u r-rikorrent ġie kklassifikat bħala ineleġibbli kemm mill-Bord rispettiv u kemm mill-Bord tal-Appell. Jgħid li hu għadu kemm lesta l-istudju tiegħu intitolat *Doctor of Veterinary Medicine* f'Budapest fl-Ungerija b'ċertifikat datat 26 ta' Frar 2021. Jispjega li l-kors li segwa huwa twil ħames snin u nofs u hu bdieh f'Settembru 2014.

»Jgħid li fil-preżent f'Malta ma hawn l-ebda istituzzjoni li toffri l-kors ta' studju li jwassal għal professjoni ta' veterinarju u għalhekk kull min isegwi dan l-istudju jeħtieġ jagħmlu barra minn Malta, u ħafna studenti Maltin jagħżlu l-Università ta' Budapest minħabba li l-kors isir bil-lingwa Ingliża.

»Jispjega li l-pagament globali li hu għamel bħala miżata lill-Università f'Budapest kien jammonta għal sebgħa u ħamsin elf, tmien mija u disgħin euro (€57,890). Jgħid li kien intitolat għall-istipendju mill-ministeru intimat.

»Jgħid li fl-10 ta' Lulju 2020 tħabbar mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u Impjiegi f'Malta li ser tiġi mnedija għall-ewwel darba skema ġdida intitolata *veterinary studies scholarship scheme* sabiex min isegwi l-kors ta' veterinarju li jwassal għal *MQF Level 7* jiġi rimborsat il-miżati mħallsa lill-Università estera. Jispjega li din kellu jkollha effett retro-spettiv sabiex studenti li diġà kienu qed isegwu l-kors ikunu intitolati japplikaw u jibbenefikaw minn l-opportunità. Jikkontendi li r-regoli ma stabbilew ebda limitu fuq kemm persuni setgħu jibbenefikaw. Jgħid li meta ħarġet l-iskema hu kien għadu student attiv u għalhekk issottometta l-applikazzjoni tiegħu *stante* li kien jissodisfa l-kriterji tal-iskema.

»Jispjega li fil-25 ta' Awwissu 2020 ġie mgħarraf mill-*Veterinary Studies Scholarships Scheme Board* li l-applikazzjoni tiegħu ma ġietx milqugħa minħabba li kien beda l-kors fl-2014 mentri r-regolamenti kienu jistipulaw li l-iktar data ta' bidu bikrija li kienet ser tiġi aċċettata kienet l-2016.

»Jikkontendi li hu kien eżattament fl-istess pożizzjoni ta' studenti attivi oħra illi l-applikazzjoni tagħhom ġiet ipproċessata ħlief li beda jsegwi l-kors qabel l-2016 u għalhekk isostni li saret inġustizzja miegħu u ġie diskriminat inġustament meta din kienet l-ewwel skema li qatt saret u liema skema kienet intiża biex ikollha effett retrospettiv.

»Jispjega li fis-27 ta' Awwissu 2020, intavola appell minn dik id-deċiżjoni u fid-9 ta' Ottubru 2020 l-i*Scholarship Appeals Board* infurmah illi l-ewwel Bord kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu u għalhekk l-appell ma setax jintlaqa.

»Isostni li hu ġie inġustament iddiskriminat u mċaħħad mingħajr ebda raġuni valida u loġika milli jibbenefika minn fondi pubbliċi b'kuntrast ma' studenti oħra li bħalu f'dak il-mument kienu studenti attivi u li kienu qed isegwu l-istess kors fl-istess Università. Jikkontendi li ma jidhirx li hemm raġuni valida u ċjoè kriterji oġġettivi fuq xiex ġiet ibbażata d-deċiżjoni tal-Gvern li min beda l-kors qabel l-2016 ma kellux ikun eleġibbli u b'hekk ġie inġustament diskriminat.

»In sostenn tax-xhieda tiegħu, ix-xhud ippreżenta numru ta' dokumenti li l-qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

»Mis-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, il-qorti tislet is-segwenti:

»Ir-rikorrent jibda biex jispjega li l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jiżgura li t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplata fl-istess Konvenzjoni tkun mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġinal nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor. Jgħid illi, abbażi tal-ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti Ewropea, l-artikolu 1 tal-Protokoll Numru 12 jestendi l-ambitu tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni għal kwalunkwe dritt stabbilit bil-liġi u għalhekk tintroduċi projbizzjoni ġenerali tad-diskriminazzjoni.

»Jikkontendi li mix-xhieda, partikolarment dik ta' Dr Frank Fabri, jidher ċar li l-għan kien li l-iskema jkollha applikazzjoni restrospettiva sabiex min kien diġà student jibbenefika mill-istess skema. Isostni li x-xhieda tal-Prof. Serracino Inglott turi kif kien hemm diskussjonijiet fuq studenti partikolari u ċjoè applikanti prospettivi qabel ma nħarġet l-iskema, liema xhieda tikkuntrasta max-xhieda ta' Sue Falzon[1] li qalet li l-ħolqien tad-data tal-qtugħ hija proporzjonata mad-disponibilità tal-fondi. F'dan ir-rigward jistaqsi kif seta' jsir dan meta fil-mument li nħarġet l-iskema ma kienx disponibbli n-numru preċiż ta' applikanti u miżati rispettivi. Jikkontendi li semmai tali fondi kellhom jitqassmu bejn l-istudenti kollha li kienu attivi f'dak iż-żmien u mhux biss maġġoranza minn dawn l-istudenti jieħdu rimbors sħiħ u minoranza xejn. Isostni li dan ma jirrispettax it-tħaddim tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

---

1 *Chief Scholarship Officer*

»Isostni li skont ix-xhieda ta' Sue Falzon, il-kalkolu sabiex tittieħed *cut-off date* sar fuq bejn tletin u ħamsin student. Ir-rikorrent jgħid li qabel l-2016 fl-istess università kienu biss erbgħa li qed isegwu l-kors u kien hemm total ta' wieħed u tletin applikazzjoni eleġibbli, b'hekk l-argument tad-disponibilità ta' fondi ma jreġix. Jikkontendi li fl-ebda punt ma ngħata spjegazzjoni sodisfaċenti u ċjoè ġustifikazzjoni xierqa ta' kif proprju waslu għad-data ta' qtugħ tal-2016. Jimplika li l-motivazzjoni primarja kienet li jiġu inklużi dawk l-istudenti li bdew il-kors tagħhom fl-2016 *stante* li kien hemm persuna partikolari li kellha tibbenefika.

»Jgħid li l-kriterju li fuqu hija msejsa d-deċiżjoni li student li beda l-istudju tiegħu qabel is-sena 2016 ma huwiex eleġibbli li jibbenefika minn din l-iskema hija deċiżjoni li ħolqot diskriminazzjoni u nġustizzja lampanti u naqset milli tosserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u b'hekk tali deċiżjoni tikkostitwixxi abbuż mis-setgħa ta' awtorità pubblika billi d-deċiżjoni hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti. Isostni li minkejja li fejn tidħol diskrezzjoni pubblika l-marġini mogħtija lill-istat huma wiesa' xorta għandha tintuża b'mod ġust u proporzjonali. In sostenn ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea <u>*Belgian Linguistic*</u>.

»*In vista* tas-suespost, ir-rikorrent isostni li din il-qorti għandha tillikwida kumpens fil-konfront tiegħu li jammonta għall-miżati tal-Università u ċjoè l-ammont ta' sebgħa u ħamsin elf, tmien mija u disgħin euro (€57,890) li hu ħallas f'miżati.

»Min-naħa tagħhom l-intimati l-Ministru għall-Edukazzjoni u Impjiegi u ċ-*Chief Scholarships Officer (Scholarships Unit)* fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Impjiegi jibdew biex jgħidu li l-lanjanza tar-rikorrent kien tagħmel iżjed sens kieku ġiet mistħarrġa mil-lenti ta' għemil amministrattiv *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostnu li l-aġir lamentat iwieġeb biss għalih iċ-*Chief Scholarships Officer* u għalhekk il-Ministru għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

»Jissottomettu li l-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea mhuwiex applikabbli għal Malta *stante* li ma ġiex traspost fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk din il-qorti għandha tapplika l-ġurisprudenza kostanti li tgħid illi kwalunkwe diskriminazzjoni trid issib ruħha f'waħda jew iżjed mill-kapi indikati fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u / jew l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»Isostnu li l-lanjanza tar-rikorrent ma tikkonfigura b'ebda mod ma xi waħda mill-kapijiet kemm tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. *Oltre* minn hekk, fir-rigward tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ir-rikorrent naqas milli jallaċċa d-diskriminazzjoni allegata minnu ma' dritt jew libertà oħra li jinsabu fil-Konvenzjoni u għalhekk li jiġi invokat l-istess artikolu hija xi ħaġa improponibbli.

»Jikkontendu li r-rikorrenti kien ikollu raġun jilmenta minn diskriminazzjoni jekk kemm-il darba wieħed mill-erba' studenti li bdew il-kors miegħu, u ċjoè qabel l-2016, b'xi mod ibbenefikaw mill-iskema u ġaladarba ma seħħx dan u bbenefikaw biss dawk li bdew il-kors fis-sena 2016 'il quddiem ma kien hemm ebda trattament diskriminatorju. In sostenn ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet <u>Amato Gauci *v.* Malta</u>. Isostnu li l-lanjanza tar-rikorrent hija proprja dwar *cut-off date* li kien inevitabbli u kellha ssir.

»Jispjega li sabiex jirriżultaw l-elementi misjuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li l-imġieba diskriminatorja tkun taqa' taħt waħda mill-kapijiet ta' diskriminazzjoni hemm kontenuti u f'dan ir-rigward jirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet Ivan Vella *v.* Avukat Ġenerali, deċiża fid-19 ta' Mejju 2011 kif ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Novembru 2011. Isostni li r-rikorrent naqas milli jorbot l-ilment tiegħu ma' wieħed minn dawn il-kapijiet u għalhekk ma jistax jinvoka dik il-protezzjoni.

»Fil-każ tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jsostnu li dan għandu jkun marbut ma' xi dritt ieħor sostantiv li jinsab protett fl-istess Konvenzjoni. *Oltre* minn hekk, l-ilment tar-rikorrent mhu marbut mal-ebda waħda mill-kawżali kontenuti fl-artikolu u għalhekk lanqas biss jista' jibda. In sostenn ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Ian Peter Ellis *et v.* Avukat Ġenerali *et* deċiża fl-24 ta' Ġunju 2016.

»Isostnu li, *dato ma non concesso* li wieħed kellu jammetti li l-azzjoni tar-rikorrenti tissodisfa l-presupposti kollha tal-liġi biex din tkun tista' tiġi proposta, xorta waħda mill-aspett fattwali r-rikorrent ma jista' jilmenta minn ebda trattament diskriminatorju u dana *stante* li, kif jemerġi b'mod ċar mix-xhieda ta' Sue Falzon, il-*cut-off date* kellha tkun is-sena 2016 u kienu eleġibbli biss dawk li applikaw wara dik id-data. Jissottomettu li r-rikorrent naqas milli juri li huwa vittma ta' diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu u naqas ukoll milli juri li kwalunkwe trattament divers li huwa seta' sofra kien jinkwadra taħt wieħed mid-diversi kapi elenkati taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni Ewropea. Isostnu li naqas ukoll milli juri li d-deċiżjoni dwar il-*cut-off date* ma kinitx ibbażata fuq xi raġuni xierqa jew oġġettiva. Jissottomettu li kif riportat fis-sentenza fuq ċitata ta' Amato Gauci *cut-off date* tippresupponi l-bidu ta' xi ħaġa li tiġi varata, u l-bidu se jippresupponi li min ġie qabel ma jikkwalifikax u b'daqshekk ma tirriżulta ebda diskriminazzjoni.

»La darba magħrufa l-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra u tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet mqajma mill-partijiet.

»… … …

»Eċċezzjoni li l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa impropon-ibbli

»Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħhom, l-intimati jeċċepixxu illi l-ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa improponibbli *stante* illi ilment għal trattament diskriminatorju *ai termini* ta' dan l-artikolu jrid ikun allaċċat ma ilment ta' ksur ta' dritt fundamentali ieħor stipulati fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew fil-Konvenzjoni Ewropea.

»F'dan ir-rigward il-qorti tosserva l-insenjament tal-Qorti Kostituzz-jonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Formosa Mark *v.* L-Avukat Ġenerali deċiża fil-31 ta' Mejju 20234 fejn il-Qorti waslet għas-segwenti konklużjoni:

> »"… … … l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea m'għandux eżist-enza awtonoma, iżda huwa kumplementari għad-drittijiet l-oħra protetti mill-istess Konvenzjoni. Għalhekk mhuwiex proponibbli lment ibbażat biss fuq l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, peress li tali lment jista' jsir biss jekk jiġi abbinat ma' xi dritt ieħor sanċit mill-

> Konvenzjoni. Fil-fatt, dan l-artikolu nnifsu jipprovdi illi l-projbizzjoni ta' aġir jew trattament diskriminatorju kontemplata f'dan l-artikolu tirrigwarda l-garanzija tat-"tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni". … … …
>
> »… … …

»Il-qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha.

»Għalhekk ser tgħaddi biex tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimati u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti sa fejn għandu x'jaqsam l-artikolu erbatax tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

»Eċċezzjoni dwar l-inapplikabbilità tal-ewwel artikolu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea

»Permezz tal-ħames eċċezzjoni tagħhom, l-intimati jeċċepixxu li l-ewwel artikolu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea huwa inapplikabbli għal dawn il-proċeduri *stante* illi huwa jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-qrati Maltin.

»F'dan ir-rigward il-qorti tosserva wkoll u għal darb'oħra l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Mark Formosa *v.* L-Avukat Ġenerali deċiża fil-31 ta' Mejju 2023 fejn il-Qorti waslet għas-segwenti konklużjoni:

> »"31. … … … Għalkemm huwa minnu li l-istat Malti rratifika t-Tnax-il Protokoll, xorta waħda dan l-Protokoll ma jistax jingħata effett minn din il-qorti ladarba ma jifformax parti mill-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, l-artikolu 2 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmel l-ebda referenza għal dan il-Protokoll fid-definizzjonijiet mogħtija għat-termini "Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" u "Konvenzjoni":
>
> »"… … …
>
> »"32. Għalhekk huwa ċar li l-qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jiddeterminaw ilmenti bbażati fuq it-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea … … …

»Il-qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha.

»Għalhekk ser tgħaddi biex tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-intimati u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti sa fejn għandu x'jaqsam l-ewwel artikolu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

»… … …

»Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:

»L-ewwel talba tar-rikorrenti hija sabiex din il-qorti tiddikara li l-fatti premessi jagħtu lok għal vjolazzjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u / jew l-artikolu 14, u / jew l-ewwel artikolu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

»Għal dak li jirrigwarda l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropa, kif ukoll l-ewwel artikolu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, dawn diġà ġew kkonsiderati hawn aktar 'il fuq, u l-qorti ma għandha xejn x'iżżid ma' dak magħdud.

»Għalhekk din il-qorti sejra issa tikkonsidra jekk seħħitx vjolazzjoni *ai termini* tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni Dan l-artikolu jipprovdi testwalment hekk:

»“**45.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta’ dan l-artikolu, ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha.

»“(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8) ta’ dan l-artikolu, ħadd ma għandu jiġi trattat b’mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta’ xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta’ xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika.

»“(3) F’dan l-artikolu, il-kelma “diskriminatorju” tfisser għoti ta’ trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta’ oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta’ deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta’ deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta’deskrizzjoni oħra bħal dawn.”

»Il-qorti tosserva l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Catherine Curmi *v.* Avukat tal-Istat *et* deċiża fit-22 ta’ Ġunju 2023, fejn il-qorti sabet li:

»Fir-rigward tal-ilment a ba’i tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni il-qorti tqis illi huma fondati l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fis-sens illi d-diskriminazzjoni ilmentata mill-attrici m’hijiex ibbażata fuq waħda mir-raġunijiet projbiti mill-Kostituzzjoni. Skont l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni m’hijiex kull tip ta’ diskriminazzjoni li hija projbita izda biss dik id diskriminazzjoni “… attribwibbli ghal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta’ origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-generu …”. Peress illi ma jirrizultax illi l-ilment dwar diskriminazzjoni f’dan il-kaz qed isir taht xi wiehed mill-irjus elenkati b’mod ezawrijenti fil-ligi, dan l-ilment huwa wkoll insostenibbli.”

»… … …

»Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern jirriżulta li … r-rikorrent ma ġab ebda prova li turi li l-lanjanza tiegħu hija bbażata fuq xi waħda mill-kawżali elenkati fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

»Jirriżulta li l-bażi tal-allegata diskriminazzjoni tar-rikorrent huwa l-fatt li l-borża ta’ studju *de quo* setgħu japplikaw għaliha persuni li kienu studenti attivi bħalu iżda hu ġie eskluż minħabba s-sena li fiha beda l-istudji tiegħu, liema data kienet tippreċedi d-data tal-elegibilità tal-iskema. Isegwi għalhekk li bl-ebda mod ma jista’ jingħad li l-allegata diskriminazzjoni tista’ tiġi kklassifikata taħt waħda mill-kawżali tal-artikolu 45 u b’hekk din il-qorti ser tkun qed tiċħad it-talba tar-rikorrent anke f’dan ir-rigward.«

8. L-attur appella b’rikors tal-1 ta’ April 2024 li l-konvenuti wieġbu għalih fit-18 t’April 2024.

9. L-ewwel aggravju tal-attur jolqot dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ddikjarat illi l-art. 1 tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma jolqotx il-proċeduri kostituzzjonali tallum għax igħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-qrati Maltin:

> »L-ewwel qorti kienet skorretta meta qieset illi hi ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddetermina ilment ibbażat fuq it-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea
>
> »L-istat Malti bħala stat membru tal-Kunsill tal-Ewropea ffirma u rratifika l-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fit-8 ta' Diċembru 2015. Il-Protokoll daħal fis-seħħ fir-rigward ta' Malta fl-1 ta' April 2016. Madankollu għalkemm l-istat Malti rratifika dan il-Protokoll, Malta ma' inkorporatx il-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-liġijiet tagħha.
>
> »L-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali jipprovdi hekk:
>
> > »"If the Court finds that there has been a violation of the Convention or the Protocols thereto, and if the internal law of the High Contracting Party concerned allows only partial reparation to be made, the Court shall, if necessary, afford just satisfaction to the injured party."
>
> »Għalhekk jirriżulta illi n-natura vinkolanti tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni ġiet affermata kemm il-darba mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. … … …
>
> »… … …
>
> »Għalhekk huwa id-dover tal-Qorti Kostituzzjonali illi tassigura li l-istat qed jaderixxi ruħu mal-obbligi tiegħu illi jipproteġi u jħares id-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' kulħadd (artikolu 13 tal-Konvenzjoni). Kemm il-darba l-istat jonqos milli jagħmel dan, hija biss din il-qorti li għandha s-setgħa li tintervjeni u tordna kwalsijasi rimedju li jkun opportun fil-kuntest tal-ksur ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem. Ċertament ma huwiex l-istat li jiddetermina x'inhuma d-drittijiet fundamentali u libertajiet tal-bniedem u liema minnhom jistgħu jiġu applikati mill-Qorti Kostituzzjonali u liema ma għandhomx. Il-protezzjoni li jagħti l-Protokoll numru 12 ma għandux ikun l-istat li jfixkilha billi għażel li ma jinkludihx fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ċertament li ma jfissirx illi l-istat jista' jiksru kif irid mingħajr ebda konsegwenzi. Huwa f'dan il-kuntest illi din il-Qorti Kostituzzjonali għandha id-dover illi tintervjeni ladarba hemm ksur ta' dritt fundamentali, wisq iktar meta l-istat stess ikun irrikonoxxa dan hu innifsu meta rratifika dan il-Protokoll.
>
> »Ir-raġunar illi l-qrati Maltin ma għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jid-determinaw ilment bbażat fuq it-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea huwa skorrett, u dan għar-raġuni illi l-Qorti Kostituzzjonali għandha seta' wiesgħa tinvestiga kull ksur li jwettaq l-istat tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem u tagħti dawk l-ordnijiet u rimedji li jkunu jidrulha xierqa.

»Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem huwa ferm ċar u stabbilit illi, meta stati jirratifikaw il-Konvenzjoni, l-istati kontraenti jintrabtu li jiżguraw li l-leġislazzjoni domestika tagħhom tkun kompatibbli magħha. Meta dan ma jseħħx hija l-Qorti Kostituzz-jonali li għandha s-setgħa u d-dover li tintervjeni sabiex twaqqaf dak l-abbuż u l-vjolazzjoni li tkun qed tiġi mwettqa mill-istat.

»Ir-rikorrent ma għandux joqgħod jistenna li jmur quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex l-ilment tiegħu *ai termini* tal-Protokoll Tnax jiġi investigat, iżda dan għandu jsir mill-qrati lokali ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali.

»L-obbligi hekk marbuta mar-ratifikazzjoni tal-Konvenzjoni ġew ukoll enfasizzati fil-każ Scordino v. Italy, no. 1 (application no. 36813/97), Judgment, 29 March 2006, Strasbourg, f'paragrafu 234:

> »"234. Furthermore, under the Convention, particularly Article 1, in ratifying the Convention the Contracting States undertake to ensure that their domestic law is compatible with the Convention (see Maestri v. Italy [GC], no. 39748/98, para 47, ECHR 2004-I)."

»L-artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jpoġġi pari man-normi kostituzzjonali "l-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta" u għal-daqstant raġonevolment ir-ratifika tal-Konvenzjoni toħloq tali obbligu.

»L-artikolu 65 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jgħid is-segwenti,

> »**65** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jagħmel liġijiet għall-paċi, ordni u gvernar tajjeb ta' Malta b'mod konformi ma' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta partikularment dawk assunti bit-trattat tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003.

»Fuq dan it-tema, l-Professur Dr Tonio Borg jgħid hekk:

> »"In the *Vodafone* case, the Constitutional Court ruled that this article gave constitutional status to the Treaty of Accession and, consequently, EU law was part and parcel of the Constitution, meaning that any provision in Maltese law which ran counter to the EU treaties would be unconstitutional. Applying the same reasoning to 'Malta's international and regional obligations', one can reasonably argue that the ratification of the European Convention creates such an obligation, and therefore ranks at par with the constitutional norms."
>
> »Borg, T. *The Constitution and the European Convention on Human Rights – conflicts, similarities and contrasts*

»Huwa fatt rikonoxxut illi l-prinċipji tar-rispett lejn id-drittijiet funda-mentali huma parti integra u jinsabu minquxa fil-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u huma ukoll parti mit-Trattati Internazzjonali għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem mill-istati membri parteċipi;

»Fil-każ ta' Stauder *v.* City of Ulm (case 29/69, 1969, ECJ) il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja stabbiliet sa mis-sena 1969 illi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem jiffurmaw parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt Ewropew li l-qorti għandha tipproteġi.

»It-Trattat ta' Lisbona li ġie iffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009 jirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-

prinċipji stabbiliti. Hekk li artikolu 6 tat-Trattat ta' Lisbona jelenka s-segwenti:

> »"6(1) The Union recognises the rights, freedoms and principles set out in the Charter of Fundamental Rights of the European Union of 7 December 2000, as adapted at Strasbourg, on 12 December 2007, which shall have the same legal value as the Treaties.
>
> »"The provisions of the Charter shall not extend in any way the competences of the Union as defined in the Treaties.
>
> »"6(2). The Union shall accede to the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms. Such accession shall not affect the Union's competences as defined in the Treaties.
>
> »"6(3). Fundamental rights, as guaranteed by the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms and as they result from the constitutional traditions common to the Member States, shall constitute ġeneral principles of the Union's law."

»Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kemm-il darba enfasizzat ir-rwol tal-Konvenzjoni bħala "strument kostituzzjonali tal-ordni pubbliku Ewropew" fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.

»Fil-każ <u>N.D. and N.T. *v.* Spain</u> [GC], nos. 8675/15 and 8697/15, para 110, 13 Frar 2020 il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet hekk:

> »"110. Furthermore, the Court has previously stated that the special nature of the context as regards migration cannot justify an area outside the law where individuals are covered by no legal system capable of affording them enjoyment of the rights and guarantees protected by the Convention which the States have undertaken to secure to everyone within their jurisdiction. As a constituaionl instrument of European public order … the Convention cannot be selectively restricted to only parts of the territory of a State by means of an artificial reduction in the scope of its territorial jurisdicion. To conclude otherwise would amount to rendering the notion of effective human rights protection underpinning the entire Convention meaningless …"

»Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tisħaq dwar l-importanza li l-Konvenzjoni tiġi interpretata u applikata b'mod li tirrendi d-drittijiet tagħha prattiċi u effettivi, mhux teoretiċi u illużorji u li żżomm approċċ dinamiku u evoluttiv;

»Fil-każ <u>Stafford *v.* The United Kingdom</u>, no. 4629/99, para 68, 28 Mejju Frar 2002 il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tenniet hekk:

> »"68. While the Court is not formally bound to follow any of its previous judgments, it is in the interests of legal certainty, foreseeability and equality before the law that it should not depart, without cogent reason, from precedents laid down in previous cases. Since the Convention is first and foremost a system for the protection of human rights, the Court must however have regard to the changing conditions in Contracting States and respond, for example to any emerging consensus as to the standards to be achieved. … It is of crucial importance that the Convention is

> interpreted and applied in a manner which renders its rights practical and effective, not theoretical and illusory. A failure by the Court to maintain a dynamic and evolutive approach would risk rendering it a bar to reform or improvement."

»Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-missjoni tas-sistema stabbilita mill-Konvenzjoni hija tali li tiddetermina, fl-interess ġenerali, kwistjonijiet ta' ordni pubbliku, u b'hekk tgħolli l-i*standards* ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u testendi l-ġurisprudenza dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-istati kollha tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward fil-każ, Konstantin Markin *v.* Russia [GC], 30078/06, para 89, ECHR 2012 il-Qorti tenniet is-segwenti:

> »"89. There is, however, a further ground for rejecting the Government's request to strike the application out under Article 37 para 1 (b) of the Convention. Before taking a decision to strike out a particular case, the Court must verify whether respect for human rights as defined in the Convention requires it to continue the examination of the case. The Court reiterates in this respect that its judgments serve not only to decide those cases brought before it but, more generally, to elucidate, safeguard and develop the rules instituted by the Convention, thereby contributing to the observance by the States of the engagements undertaken by them as Contracting Parties ... Although the primary purpose of the Convention system is to provide individual relief, its mission is also to determine issues on public-policy grounds in the common interest, thereby raising the ġeneral standards of protection of human rights and extending human rights jurisprudence throughout the community of the Convention States ..."

»L-artikolu 13 tal-Konvenzjoni jesprimi direttament l-obbligu tal-istati li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem l-ewwel u qabel kollox fis-sistema legali tagħhom stess u jistabbilixxi garanzija addizzjonali għal individwu sabiex jiġi żgurat li huwa jgawdi b'mod effettiv dawk id-drittijiet.

»Hekk li fil-każ Kudla *v.* Poland [GC], 2000, para 152 il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tenniet is-segwenti:

> »152. On the contrary, the place of Article 13 in the scheme of human rights protection set up by the Convention would argue in favour of implied restrictions of Article 13 being kept to a minimum.
>
> »By virtue of Article 1 ... the primary responsibility for implementing and enforcing the guaranteed rights and freedoms is laid on the national authorities. The machinery of complaint to the Court is thus subsidiary to national systems safeguarding human rights. This subsidiary character is articulated in Articles 13 and 35 para 1 of the Convention. The purpose of Article 35 para 1, which sets out the rule on exhaustion of domestic remedies, is to afford the Contracting States the opportunity of preventing or putting right the violations alleged against them before those allegations are submitted to the Court ... The rule in Article 35 para 1 is based on the assumption, reflected in Article 13 (with which it has a close affinity), that there is an effective domestic remedy available in respect of the alleged breach of an individual's Convention rights (*ibid*.). In that way, Article 13, giving direct expression to the States' obligation to protect human rights first and foremost within their own legal system, establishes an additional guarantee for an

> individual in order to ensure that he or she effectively enjoys those rights. The object of Article 13, as emerges from the travaux preparatoires ... is to provide a means whereby individuals can obtain relief at national level for violations of their Convention rights before having to set in motion the international machinery of complaints before the Court...

> »Għalhekk jingħad illi din il-qorti għandha s-setgħa illi tinvestiga kull ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali hekk kommessi mill-istat u tipprovdi rimedju xieraq u effettiv f'każ illi l-ilment ikuhn wieħed fondat. Dan bla dubju japplika ukoll għall-każ *de quo* fir-rigward tal-ewwel artikolu tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni;

> »Għalhekk, fil-fehma tal-esponent, dan l-aggravju huwa wieħed fondat u għandu jiġi milqugħ.«

10. L-art. 3(3) tal-Att dwar ir-Ratifika tat-Trattati ("Kap. 304") igħid hekk:

> »(3) Ebda disposizzjoni ta' trattat ma għandha ssir, jew ma għandha tiġi infurzata bħala, parti mil-liġi ta' Malta ħlief b'Att jew taħt Att tal-Parlament.«

11. Dan ifisser illi ebda dispożizzjoni ta' trattat internazzjonali – fosthom il-Konvenzjoni Ewropea – ma tista' tingħata effett fil-qrati Maltin jekk din ma tkunx ġiet inkorporata fil-liġi Maltija b'Att tal-Parlament.

12. Għalkemm huwa minnu illi l-istat Malti ffirma u rratifika t-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea fit-8 ta' Diċembru 2015, dan il-Protokoll qatt ma ġie inkorporat fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ("Kap. 319"). Dak l-Att igħid hekk:

> »**2**. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra – "Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" tfisser dawk id-drittijiet u libertajiet elenkati fl-artikoli 2 u sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni u l-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll, l-artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll u l-artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, liema artikoli qegħdin jinġiebu fl-Ewwel Skeda;

> »"Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru, 1950 u l-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet, ir-Raba', l-Ħames, is-Sitt u s-Seba' Protokolli li hemm magħha ffirmati f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1952, u fi Strasbourg fis-6 ta' Mejju 1963, 6 ta' Mejju 1963, 16 ta' Settembru 1963, 20 ta' Jannar 1966, 18 ta' April 1983 u 22 ta' Novembru 1984, rispettivament;

> »… … …«

13. Għandu jingħad ukoll illi l-Konvenzjoni Ewropea m'hijiex bħar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea u għalhekk ma għandhiex effett dirett bħal parti mil-liġi dokestika jekk mhux bis-saħħa ta' Att tal-Parlament.

14. Għaldaqstant ladarba l-leġislatur Malti naqas milli jdaħħal l-art. 1 tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea fit-tifsira tad-"Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" fil-Kap. 319 – u lanqas ma daħħlu fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 – dan il-Protokoll m'huwiex parti mill-liġijiet ta' Malta u l-qrati Maltin ma jistgħux jagħtuh effett għax jekk jagħmlu hekk ikunu qegħdin jużurpaw setgħa li tmiss lill-Parlament[2].

15. Tassew illi l-attur ikun jista' jfittex rimedju quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u kien ikun aktar għaqli likieku qabel dan tkun ingħatat possibilità ta' rimedju domestiku, iżda din hija għażla tal-leġislatur.

16. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

17. It-tieni aggravju tal-attur jolqot in-nuqqas ta' sejbien ta' ksur taħt l-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, u ġie mfisser hekk:

> »L-ewwel qorti kienet skorretta meta qieset illi l-ilment tal-attur a bażi tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni huwa inammissibbli
>
> »Fl-azzjoni tiegħu, l-esponent jabbina l-artikolu 14 mall-artikolu 1 tal-Protokoll Nru 12 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Din il-protezzjoni hija kompluta bl-artikolu 1 tal-Protokoll Nru 12 tal-Konvenzjoni li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni, b'mod iktar ġenerali, fit-tgawdija ta' kwalunkwe dritt stabbilit mil-liġi.
>
> »L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni jikkumplimenta d-dispożizzjonijiet sostantivi l-oħra tal-Konvenzjoni u l-Protokolli. Fil-każ Molla Sali *v.* Greece [GC], 2018, para. 123 il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet is-segwenti:

---

2 Ara wkoll, f'dan is-sens, Mark Camilleri *v.* Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb *et*, P.A., 14 ta' Marzu 2025; Mark Formosa *v.* L-Avukat Ġenerali, Kost., 31 ta' Mejju 2023.

»“123. The Court has consistently held that Article 14 of the Convention complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols thereto. Article 14 has no independent existence since it has effect solely in relation to “the enjoyment of the rights and freedoms” safeguarded thereby. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of them. The prohibition of discrimination enshrined in Article 14 thus extends beyond the enjoyment of the rights and freedoms which the Convention and the Protocols thereto require each State to guarantee. It applies also to those additional rights, falling within the general scope of any Convention Article, for which the State has voluntarily decided to provide … … …”

»*Di più*, u kif jirriżulta b’mod ċar, l-esponent fin-nota ta’ sotto-missjonijiet finali tiegħu ppreżentata minnu nhar it-28 ta’ Ġunju 2023 hu jabbina l-allegat diskriminazzjoni fuq ksur ta’ “*status* ieħor” u jidħol fid-dettall dwar dan billi jagħmel referenza estensiva tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li hi hekk applikabbli. L-esponent hawn jagħmel referenza għal dak ġa sottomess minnu f’din l-imsemmija nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu.

»Fil-każ, Biao *v.* Denmark [GC], 2016, para 89 il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet is-segwenti:

»“89. … Article 14 lists specific grounds which constitute “status” including, inter alia, race, national or social origin and birth. However, the listi s illustrative and not exhaustive, as is shown by the words “any ground such as” ... ... ... and the inclusion in the list of the phrase “any other status”. The words “other status” have generally been given a wide meaning ... and their interpretation has not been Limited to characteristics which are personali n the sens that they are innate or inherent...

»Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-kunċett ta’ diskriminazzjoni pprojbiti kemm mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni kif ukoll mill-artikolu 1 tal-Protokoll Nru 12 għandhom jiġu interpretati bl-istess mod... ... ...

»Abbażi tal-ġurisprudenza kif stabbilita mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, artikolu 1 tal-Protokoll Numru. 12 tal-Konvenzjoni, jestendi l-ambitu tal-protezzjoni kontra d-disrkiminazzjoni għal “kwalunkwe dritt stabbilit bil-liġi”. Għalhekk tintroduċi projbizzjoni ġenerali tad-diskriminazzjoni ... … …

»Il-Protokoll jestendi, “kwalunkwe dritt stabbilit mil-liġi, iżda anki lil hinn minn dan” ... U *cioè* dan jirriżulta mill-paragrafu 2 tal-artikolu 1 tal-Protokoll Numru 12, li jipprovdi li ħadd ma jista’ jiġi diskriminat minn awtorità pubblika.

»Fil-kas, Savez crkava “Riječ života” and Others *v.* Croatia, 2010, paras 103 – 105, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet hekk:

»“103. The Court notes that whereas Article 14 of the Convention prohibits discrimination in the enjoyment of “the rights and freedoms set forth in [the] Convention”, Article 1 of Protocol No. 12 introduces a ġeneral prohibition of discrimination.

»"104. It is important to note that Article 1 of Protocol No. 12 extends the scope of protection not only to "any right set forth by law", as the text of paragraph 1 might suggest, but beyond that. This follows in particular from paragraph 2, which further provides that no one may be discriminated against by a public authority. According to the Explanatory Report on Article 1 of Protocol No. 12, the scope of protection of that Article concerns four categories of cases, in particular where a person is discriminated against:

»"'i. in the enjoyment of any right specifically granted to an individual under national law;

»"'ii. in the enjoyment of a right which may be inferred from a clear obligation of a public authority under national law, that is, where a public authority is under an obligation under national law to behave in a particular manner;

»"'iii. by a public authority in the exercise of discretionary power (for example, granting certain subsidies);

»"'iv. by any other act or omission by a public authority (for example the behaviour of law enforcement officers when controlling a riot).'

»"The Explanatory Report further clarifies that:

> »"'... it was considered unnecessary to specify which of these four elements are covered by the first paragraph of Article 1 and which by the second. The two paragraphs are complementary and their combined effect is that all four elements are covered by Article 1. It should also be borne in mind that the distinctions between the respective categories i-iv are not clear-cut and that domestic legal systems may have differenti approaches as to which case comces under which category.'

»"105. Therefore, in order to determine whether Article 1 of Protocol No. 12 to the Convention is applicable, the Court needs to establish whether the applicant churches' complaints fall within one of the four categories mentioned in the Explanatory Report."

»*Di più* ta' min jagħmel referenza għal dak li jipprovdi l-*Guide on Article 14 of the European Convention on Human Rights and on Article 1 of Protocol No 12 to the Convention – Prohibition of discrimination* (Council of Europe, 31 August 2022, pg 6 & 7) fejn jingħad illi:

»"However, the ancillary natura of Article 14 in no way means that the applicability of Article 14 is dependent on the exercise of a violation of the substantive provision. Furthermore, the material scope of application of Article 14 is not strictly lmited to that of the substantive provision. Consequently, the Court has found Article 14 applicable to many areas, such as:

»"*... … …*

»"• education (D.H. and Others *v.* The Czech Republic [GC], 2007; Orsus and Others *v.* Croatia [GC], 2010; Ponomaryovi *v.* Bulgaria, 2011);

»Għalhekk huwa ċar u evidenti illi l-vjolazzjoni tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni hekk kif lamentata mir-rikorrent ġiet ukoll abbinata ma' artikolu 2 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

> »Għalhekk, fil-fehma tal-esponent, dan l-aggravju huwa wkoll wieħed fondat u għandu jiġi milqugħ.«

18. Kif sewwa jgħid l-attur appellant l-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea m'għandux eżistenza awtonoma iżda huwa komplementari għad-drittijiet l-oħra mħarsin mill-istess Konvenzjoni. M'huwiex proponibbli lment ibbażat biss fuq l-art. 14 tal-Konvenzjoni iżda l-ilment irid bilfors jiġi abbinat ma' xi dritt ieħor imħares mill-Konvenzjoni: id-diskriminazzjoni trid tolqot "it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni".

19. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-attur "jabbina l-artikolu 14 mal-artikolu 1 tal-Protokoll Nru. 12 tal-Konvenzjoni għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali". Iżid jgħid illi "din il-protezzjoni hija kompluta bl-artikolu 1 tal-Protokoll Nru. 12 tal-Konvenzjoni li jipprojbixxi d-diskrimin-azzjoni b'mod iktar ġenerali, fit-tgawdija ta' kwalunkwe dritt stabbilit mil-liġi". Madanakollu diġà rajna illi dan il-Protokoll ma huwiex inkorporat Fil-Kap. 319.

20. Peress li fil-każ tallum l-attur ma setax jorbot dan l-artikolu ma' ksur ta' disposizzjoni oħra tal-Konvenzjoni Ewropea li hija parti mil-liġi tagħhna, it-talba tiegħu taħt l-art. 14 ma tistax tintlaqa'.

21. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

22. Bla ħsara għal dan kollu, f'kull każ l-attur ma ġarrab ebda diskriminazzjoni fis-sens li ngħata trattament differenti minn dak li ngħata lil persuni oħra fl-istess qagħda tiegħu. Huwa leġittimu li jkun hemm *cut-off date* – sakemm ma jintweriex illi dik il-*cut-off date* ma ntgħażlitx *in mala fide*, prova li ma saritx fil-każ tallum – u t-trattament li ngħata l-attur huwa l-istess bħal dak

li ngħata lil dawk li, bħalu, bdew il-kors qabel id-data stabilita: ma kien hemm ebda diskriminazzjoni.

23. Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija din il-qorti tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata.

24. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta’ dan l-appell, iħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da